

# Tifkira tas-70 Sena mill-Pellegrinaġġ tad-19 ta' Novembru 1944 u l-Vittmi tal-Gwerra Bormliżi

minn Sunny Aquilina



Sa ftit tas-snin ilu kien isir diskors ta' tifkira quddiem il-Monument tal-Pellegrinaġġ tal-1944 u l-Vittmi tal-Gwerra Bormliżi. Dan t'hawn taħt sar fl-2002.

Onorevoli Sindku, Kunsill Lokali, Wisq Rev. Kapitlu, Sinjuri Rappreżentanti ta' Għaqdiet, ħuti Bormliżi.

Inħossni onorat li ġej mitlub nagħmel dan id-diskors tat-Tifkira tad-19 ta' Novembru. L-għażiża Beltna mhix nieqsa minn ġrajjiet li jagħmlu belt kbira, belt għanja fit-tiswir tagħha; belt tassew storika. Il-Belt Cospicua, titlu mogħti mill-Granmastru Taljan Mark Antonio Zondadari, bejn l-1720 u l-1722, hija mifruxa fuq għoljiet u widien u mkenna minn żewġ linji ta' fortifikazzjonijiet bi swar qawwija u bibien mill-isbaħ li nbnew fi żmien tal-Kavallieri ta' San Ġwann l-Għammiedi. Bormla hija tabilħaqq belt bi storja kbira u għanja fil-ġrajjiet.

Mal-istorja ċivika u soċjali hemm ukoll minsuġa l-fidi u t-twemmin tal-poplu. Fl-istorja ta' Malta, kif ukoll f'dik tal-bliet u l-irħula jidħol sew l-element reliġjuż; Bormla mhix eċċezzjoni. Sa mill-qedem ġewwa Bormla kien hawn qima kbira lejn il-Madonna tas-Sokkors jew tal-Għajnuna, u kien it-titlu meta l-knisja ewlenija ta' Bormla twaqqfet parroċċa wara talba li saret mill-Bormliżi fl-1584. Il-Bormliżi mill-ewwel għażlu li jkunu taħt il-ħarsien ta' Marija Immakulata taħt it-titlu tal-Kunċizzjoni.

L-Immakulata Kunċizzjoni hija l-Patruna speċjali ta' Bormla, Omm din il-Belt Cospicua. Il-Bormliżi min-naħa tagħhom, qatt ma waqfu juru din ir-rabta sopranaturali kbira. Hija rabta għażiża u devota bejn Bormla u Marija bla Ħtija, hekk li Bormla hija magħrufa bħala l-*Belt tal-Immakulata!* Fost affarijiet oħra din ir-rabta speċjali bejn Marija Immakulata u l-Belt Cospicua tidher tabilħaqq fil-Knisja Parrokkjali mżejna mill-isbaħ; fil-ġawhra fina tal-vara tal-Kunċizzzjoni hekk devota u fis-Santwarju; fil-Kwadru Titulari nkurunat mill-Qdusija Tiegħu l-Papa San Piju X, fil-persuna distinta tal-*legat a latere* l-Emm. Tiegħu l-Kardinal Domenico Ferrata fl-1905.

Meta Benito Mussolini ddikjara li l-Italja daħlet fil-gwerra, nhar l-10 ta' Ġunju, 1940,

bdew l-attakki fuq Malta u dawn it-teżori hekk devoti u għeżież, flimkien ma' bosta ħwejjeġ oħra kienu tassew f'periklu kbir! Bormla ntlaqtet mill-ewwel u fl-ewwel jum mietu mal-15-il ruħ. Ħafna djar iġġarrfu u ntlaqtu billi t-Tarzna kienet mira ewlenija minħabba l-flotta Ingliża. Il-Bormliżi b'ta' fuqhom senduqhom kellhom iħallu djarhom u belthom biex isibu saqaf fuq rashom fi rħula bogħod mill-periklu qerriedi tal-bombi tal-għadu. Għadd ta' nies minħabba x-xogħol kellhom jibqgħu f'Bormla u għexu kif setgħu. Missirijietna batew l-għaks u l-ġuħ u għexu f'periklu kontinwu. Għaddew ħafna ħin fix-xeltrijiet fis-swar ta' Bormla. Kmajra mħaffra fil-blat taħt il-Mina ta' Għajn Dwieli, li għadha teżisti, sar fiha quddies u anke magħmudijiet!

Imma l-ħruxija dehret tabilħaqq fl-aqwa tagħha meta l-Ġermaniżi għamlu ħbit feroċi fuq l-Aircraf Carrier Illustrious. Bormla u l-Kottonera sfaw ħerba sħiħa! Intlaqtu l-knejjes u għadd kbir ta' djar twaqqgħu b'ħafna nies mirdumin u mejtin. Xejn ma kien meħlus mill-bombi qerrieda tal-għadu. Għalhekk fl-24 ta' Jannar, 1941, eżatt wara l-biża' kbir u l-ħerba tal-attakki fuq l-Illustrious, il-vara devota u l-Kwadru Inkurunat ittieħdu mgħottija u bl-għaġġla biex jinżammu fil-Kolleġġjata, illum Bażilka, ta' Santa Liena ġewwa Birkirkara. Il-vara tal-Kunċizzjoni kienet mgħottija biex ma tidhirx tleqq mill-ajru u tagħti fl-għajn billi jaħsbuha xi parti mill-armamenti u jattakkawha! Ittieħdu fuq trakk, minn ftit nies bid-dmugħ f'għajnejhom u beżagħna, imma waslu bis-sliema! Il-ġurnal *Leħen is-Sewwa* tal-Ġimgħa 24 ta' Jannar 1941, fil-faċċata stampa bi prominenza:

*Il-Kwadru Inkurunat u l-Istatwa ta' Marija Immakulata ta' Bormla milqugħin f'Birkirkara. Ilbieraħ ħabbarna li minn ġo Bormla kienu se jitneħħew il-Kwadru Inkurunat u l-Istatwa ta' Marija Immakulata u jittieħdu ġewwa Birkirkara. Il-kwadru Inkurunat wasal fil-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara għall-ħabta tal-10.00am u sewwasew kif l-arloġġ tal-Kolleġġjata Perinsinji u Matriċi ta' Birkirkara kien juri nofsinhar hekku titfaċċa fuq karozza fil-pjazza maestuża ta' Birkirkara l-istatwa ta' Marija Immakulata ġiet merfugħa fuq l-idejn minn numru sabiħ ta' rġiel u mdaħħla fil-Knisja.*

F'dan ir-rapport naqraw li n-nies inġabret minn diversi naħiet ta' madwar il-Knisja ta' Birkirkara biex jistennew il-wasla tal-istatwa tal-Immakulata u kif il-kwadru Inkurunat iddaħħal ġewwa l-Knisja diversi nies dehru jersqu lejh biex jarawh mill-viċin u jammiraw u jitgħaxxqu bil-ġmiel tiegħu!

Il-festa tal-Kunċizzjoni bejn l-1941 u l-1943 saret fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara. Kien jintrama l-kwadru fuq l-artal tal-Immakulata u l-vara tal-Kunċizzjoni taħt in-nava mżejnin b'għadd kbir ta' xama u fjuri. Il-Bormliżi minn kull rokna ta' Malta u bosta nies



kienu jmorru nhar il-Festa. Imma l-Knisja Parrokkjali, mibnija sewwa sew fuq il-Baċir Numru 1 u t-Tarzna, ma setgħetx tittieħed x'imkien ieħor u kienet f'periklu kontinwu! F'dak it-twerwir kollu, il-Kapitlu dar lejn il-Madonna. F'laqgħa straordinarja nhar is-26 ta' Lujlu 1941; fuq proposta tal-Kan. Kantur Dun Franġisk Cacha, ġie deċiż li ssir wegħda li jekk it-tempju jibqa' wieqaf matul is-snin tal-gwerra, il-Kwadru bix-xbieha tal-Madonna Inkurunata u l-Istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni jeħduhom lura mill-Knisja Matriċi ta' Birkirkara lejn Bormla f'Pellegrinaġġ solenni. Din il-wegħda kellha l-approvazzjoni tal-Arċisqof Mons. Dom Mauro Caruana O.S.B. b'digriet tad-29 ta' Lulju, 1941.

Ix-xita ta' bombi kompliet tiqlieɉ u sal-1942, fl-eqqel tal-gwerra, kienu ntefgħu madwar 120 bomba qrib il-Knisja fosthom waħda kbira li ġiet wara l-Knisja Parrokkjali imma b'xorti tajba ma splodietx. Fis-27 ta' Diċembru 1942, tliet bombi marbutin ħabtu mal-gwarniċ tal-kampnar tal-qanpiena l-kbira mbagħad imbeżqu biex ġarrfu l-bini ta' quddiem il-Knisja. Ħafna kienu dawk li ħallew ħajjithom. Bormliżi biss kien hemm aktar minn mija. Mhux ta' b'xejn li f'April 1942, fl-eqqel tal-ħruxija u s-sofferenzi tħabbar li l-poplu Malti kien ingħata l-George Cross għall-qlubija. Imma m'hemmx lejl mingħajr żernieq! Wara s-snin ħarxa tal-gwerra, l-għadu ntrebaħ u reġgħet il-paċi. Kbir kien il-ferħ u l-Knisja Parrokkjali ddedikata lil Marija Immakulata kienet għadha wieqfa fost tant ħerba u tiġrif! Għalhekk il-Kapitlu ħaseb biex iwettaq il-wegħda li kienet saret. Il-Kan. Dun Ġużepp Cassar, li wara sar ukoll Arċipriet, jikteb li, *'Il-Kapitlu, b'att ta' ħajr lill-Madonna, ried iwettaq il-wegħda li kien għamel magħha, għaliex it-Tempju Santwarju ġie tassew minnha mħares'*.

Il-jum magħżul għall-Pellegrinaġġ kien il-jum għażiż tad-19 ta' Novembru 1944. Kbir tabilħaqq kien it-trijonf tal-Madonna dakinhar u l-ferħ ma jitfissirx fuq l-uċuh meta l-Bormliżi bl-akbar għożża u devozzjoni ġabu lura bil-mixi l-istatwa għanja u devota tal-Kunċizzjoni u l-Kwadru Titulari Inkurunat f'Pellegrinaġġ kolossali li dam tmien sigħat sħaħ. Wara l-quddiesa u d-diskorsi mill-Primati tar-Rev. Kapitlu ta' Birkirkara u dak Cospicuan beda l-Pellegrinaġġ fis-siegħa u ħarġet tlellex tisboq ix-xemx l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni. Ftit wara ħarġet il-Kwadru hekk devot. Minn kull fejn għaddew kellhom laqgħa liema bħala; minn Birkirkara lejn Fleur de Lys, Santa Venera u l-Ħamrun. Fit-triq ewlenija tal-Ħamrun il-Pellegrinaġġ kien fl-aqwa tiegħu. Baħar ta' nies mexa mal-Istatwa u l-kwadru tal-Madonna. Kien pellegrinaġġ uniku u hekk kbir li l-għadd tan-nies għalih kien xi ħaġa tal-għaġeb! Il-Madonna ġabret mhux biss lill-Bormliżi, imma



**Ċentru 19 ta' Novembru 1944 Bormla**

lill-poplu Malti u Għawdxi. Il-Pellegrinaġġ kompla lejn il-Blata l-Bajda, il-Marsa, Raħal Ġdid u Għajn Dwieli. Bormla kellha dehra li tbikkik, kullimkien tiġrif, imma min jista' jfisser il-ferħ meta missirijietna daħlu għal darba oħra f'Bormla trijonfali, rebbieħa bl-istatwa u l-Kwadru tal-Kunċizzjoni fuq spallejhom!

Fuq il-Mina ta' Għajn Dwieli kien hemm il-kitba, *'Bormla ferħana tilqa' lil Ommha'*. Il-Madonna kellha laqgħa kbira u devota u akkompanjata wkoll fost bosta baned li sellmulha, mill-Banda ta' Bormla. Għall-ħabta tad-disgħa, il-Pellegrinaġġ wasal qrib is-Santwarju. Daħal l-ewwel fost il-kant ferrieħi l-kwadru wisq devot tal-Immakulata li tpoġġa fuq l-artal maġġur u ftit wara l-istatwa tal-Kunċizzjoni fost il-kant tal-Ave Maria. Reġgħet Marija Immakulata fis-Santwarju tagħha! Nistgħu ngħidu li dan il-pellegrinaġġ kien il-bidu tal-qawmien mill-ġdid ta' Bormla mit-tifrik tal-gwerra. Mad-dħul tax-xbihat tal-Madonna fis-Santwarju, l-Isqof Galea għamel diskors ta' tislima b'sinjal ta' mħabba u radd il-ħajr fejn qal, 'Ibqgħu ftakru li kull meta tidħlu f'das-Santwarju, tkunu dħaltu ġo miraklu'. Tabilħaqq kien f'waqtu l-kant tat-*Te Deum* u d-daqq tal-qniepen ferrieħa. B'tifkira ta' dan il-pellegrinaġġ insibu żewġ lapidi mal-pilastri ewlenin fuq iż-żewġ naħat tal-bieb prinċipali tal-Knisja Parrokkjali u f'għeluq il-50 sena mill-Pellegrinaġġ, fl-1994, twaqqaf monument maestuż biex qatt ma tintemm it-Tifkira tal-istess Pellegrinaġġ u l-Vittmi kollha Bormliżi li mietu fil-gwerra.

Ta' min jiftakar ukoll fir-Rev. Kan. Victor Cilia, li meta sar il-monument kien Arċipriet, u li l-Mulej sejjaħlu bħal-lum sena. Agħtih Mulej il-mistrieħ ta' dejjem aħna għandna tama qawwija li huwa u bosta devoti tal-Immakulata, fosthom il-vittmi tal-gwerra Bormliżi, qegħdin igawdu u jaraw lil Ommna Marija fil-ġenna, fejn nittamaw li aħna wkoll għad naslu. Huwa xieraq u fid-dmir tagħna li niftakru f'dawn li tilfu ħajjithom, fil-monument dan jidher fil-figura allegorika ta' Bormla ssellem lil uliedha li mietu fil-gwerra, mietu fejn mietu, kif turi l-figura mitluqa taħt it-tiġrif. Imma aħna l-Bormliżi b'dan il-mafkar b'sinifikat sublimi, infakkru wkoll it-trijonf f'dak il-Pellegrinaġġ kolossali, devot u uniku li kien il-fjamma biex Bormla terġa' tqum mit-tifrik ta' gwerra qalila. Dan jidher fil-figura tan-nofs li turi r-rebħ tat-tajjeb fuq il-ħażen bl-interċessjoni ta' Alla u l-Madonna; it-trijonf tal-paċi fuq il-gwerra! Jalla nuru kif kienu missirijietna f'dak il-Pellegrinaġġ, ilkoll magħqudin flimkien taħt il-ħarsien sopranaturali t'Ommna Marija Santissima!

Illum għandna problemi oħra, inkomplu nirrikorru lejha u lejn Binha Ġesù. Min-naħa tagħna lkoll għandna d-dmir li naħdmu għal Bormla aħjar, biex nagħtu ġejjieni sabiħ, tama u kuraġġ lil uliedna sabiex l-għażiża Bormla tagħna, dil-Belt Cospicua, tissokta fl-istorja glorjuża tagħha u tibqa' miexja dejjem 'il quddiem.

